

L-Erbgħa 25 ta' Marzu 2015

P8_TA(2015)0086

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Viktor Uspaskich

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Marzu 2015 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Viktor Uspaskich (2014/2095(IMM))

(2016/C 324/04)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Viktor Uspaskich, li tressqet fil-21 ta' Lulju 2014 mill-awtoritajiet ġudizzjarji Litwani b'konnessjoni mal-proċedimenti kriminali pendenti quddiem il-qorti tal-appell tar-Repubblika tal-Litwanja, u mħabbra fil-plenarja tal-15 ta' Settembru 2014,
 - wara li fl-24 ta' Marzu 2015 sema' lil Viktor Uspaskich skont l-Artikolu 9(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea ('il-Protokoll') u l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, l-10 ta' Lulju 1986, il-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, id-19 ta' Marzu 2010, is-6 ta' Settembru 2011 u s-17 ta' Jannar 2013 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Litwana,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Settembru 2010 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2) u 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0061/2015),
- A. billi l-Qorti Reġjonali ta' Vilnius tat sentenza li għadha mhijiex finali, li sabet lil Uspaskich, Membru tal-Parlament Ewropew, ħati;
- B. billi l-istess proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell tar-Repubblika tal-Litwanja;
- C. billi l-akkużi miġjuba kontra Viktor Uspaskich mhumiex marbuta ma' opinjoni espressa jew vot mitfugħ minnu fil-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew u billi l-Artikolu 8 tal-Protokoll, għalhekk, mhuwiex applikabbli;
- D. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom, iżda ma tistax issir talba għall-immunità meta Membru jinqabad fl-att li jikkommetti reat u l-Parlament Ewropew ma għandux jinżamm mill-jeżerċita d-dritt li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu;

⁽¹⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, Wybot vs Faure et., 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 1986, Marra vs De Gregorio u Clemente, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C 163/10, ECLI:EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 et T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

⁽²⁾ ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 90.

L-Erbgħa 25 ta' Marzu 2015

- E. billi, skont l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja, Membru tal-Parlament Nazzjonali (is-Seimas) ma jistax jinżamm kriminalment responsabbli, jiġi arrestat, u lanqas ma tista' titnaqqaslu l-libertà personali mingħajr il-kunsens tas-Seimas;
- F. billi ttieħdu passi kriminali kontra Viktor Uspaskich, Membru tal-Parlament Ewropew li, fil-proċedimenti quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Vilnius, ġie akkużat li wettaq offiżi kriminali skont l-Artikolu 24(4) flimkien mal-Artikolu 222(1), l-Artikolu 220(1), l-Artikolu 24(4) flimkien mal-Artikolu 220(1), l-Artikolu 205(1) u l-Artikolu 24(4) flimkien mal-Artikolu 205(1) tal-Kodiċi Kriminali tar-Repubblika tal-Litwanja;
- G. billi fl-14 ta' Lulju 2009 l-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Litwanja talab li l-immunità ta' Viktor Uspaskich titneħħa b'konnessjoni mal-proċedimenti kriminali msemmija hawn fuq;
- H. billi fis-27 ta' Jannar 2010 Viktor Uspaskich instema' mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali għall-ewwel darba skont l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura u, fit-2 ta' Settembru 2010, wara kjarifika ta' żewġ kwistjonijiet legali permezz ta' tweġibiet mill-awtoritajiet Litwani, reġa' instema' mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, sabiex b'hekk ingħata d-dritt ta' smigħ f'kull livell possibbli skont il-liġi;
- I. billi fis-7 ta' Settembru 2010 ⁽¹⁾ l-Parlament Ewropew ħa d-deċiżjoni li jneħħi l-immunità ta' Viktor Uspaskich;
- J. billi fil-5 ta' April 2011 Viktor Uspaskich applika għad-difiża tal-immunità tiegħu, fejn allega li, inter alia, ma kienu instema' b'mod suffiċjenti mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, u barra minn hekk allega li l-prosekuzzjoni kriminali kontrih kienet motivata politikament u li kien qed jiġi mxekkel milli jaqdi d-dmirijiet parlamentari tiegħu;
- K. billi fl-ittra tiegħu tal-11 ta' April 2011 Viktor Uspaskich talab rikunsiderazzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament tas-7 ta' Settembru 2010 minħabba, skont kif allega, fatti ġodda li kienu ġew pubblikati minn WikiLeaks u li, kif iddikjara, huwa safa vittima ta' *fumus persecutionis*;
- L. billi din l-applikazzjoni ġiet miċħuda għaliex ma ġiet stabbilita l-ebda konnessjoni suffiċjenti bejn il-fatti allegati l-ġodda u l-bidu tal-proċedimenti kontra Viktor Uspaskich għal kontabilità falsifikata;
- M. billi l-Parlament Ewropew iddeċieda li ma jipproteġix l-immunità u l-privileġġi ta' Viktor Uspaskich ⁽²⁾;
- N. billi fit-12 ta' Lulju 2013 il-Qorti Reġjonali ta' Vilnius sabet lil Viktor Uspaskich ħati li kiser l-Artikolu 24(4) b'konnessjoni mal-Artikoli 182(2) u 222(1) tal-Kodiċi Kriminali tar-Repubblika tal-Litwanja u billi Viktor Uspaskich ġie kkundannat erba' snin ħabs f'istituzzjoni penitenzjarja;
- O. billi kemm Viktor Uspaskich u kemm l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni tal-Istat sussegwentement appellaw, u b'riżultat ta' dan issa l-istess proċedimenti legali li fuq il-bażi tagħhom tneħħiet l-immunità ta' Viktor Uspaskich, jinsabu pendenti fuq appell;
- P. billi fl-istadju ta' appell tal-proċedimenti hija meħtieġa deċiżjoni ulterjuri mill-Parlament Ewropew għaliex, skont l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja, Membru tal-Parlament Nazzjonali (is-Seimas) ma jistax jinżamm kriminalment responsabbli mingħajr il-kunsens tas-Seimas;
- Q. billi, skont l-Artikolu 9(a) tal-Protokoll, l-ambitu u t-tifsira tal-immunità li jgawdu l-Membri fit-territorju tal-Istat tagħhom huma determinati mid-dispożizzjonijiet nazzjonali rispettivi tagħhom;

⁽¹⁾ ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 90.

⁽²⁾ ĠU C 165 E, 11.6.2013, p. 80.

L-Erbgħa 25 ta' Marzu 2015

- R. billi Viktor Uspaskich qed jallegra li l-bażi legali tal-akkużi nbidlet, iżda billi huwa perfettament ammissibbli għall-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni u l-awtoritajiet ġudizzjarji li jstabbilixxu definizzjonijiet ġodda sakemm it-trattament li jwassal għall-proċedimenti jkun l-istess;
 - S. billi fi kwalunkwe każ joħroġ ċar mid-dokumenti li l-elementi tal-akkuża dejjem baqgħu l-istess;
 - T. billi Viktor Uspaskich qed jgħid li żewġ każijiet relatati miegħu jinsabu pendenti quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iżda billi, wara verifika li saret, instab li dawn iż-żewġ każijiet mhumiex relatati mal-każ preżenti;
 - U. billi każ jista' jinġieb quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem biss wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji domestiċi kollha u għalhekk ikun impossibbli li proċedimenti li jkunu jinsabu pendenti quddiem qorti tal-appell tar-Repubblika tal-Litwanja jstgħu fl-istess ħin ikunu s-suġġett ta' proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
 - V. billi fl-ittra tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2014 Viktor Uspaskich għadda fatti ġodda oħra bl-iskop li jagħti prova tal-fatt li kien safa vittma ta' *fumus persecutionis*;
 - W. billi, barra minn hekk, Viktor Uspaskich jirreferi għal dokumenti ta' WikiLeaks bħala evidenza ġdida, iżda dawn id-dokumenti kienu diġà ġew diskussi fil-qafas tal-proċedimenti għad-difiża tal-immunità mibdija fil-5 ta' April 2011 u la jikkostitwixxu prova konklużiva u lanqas ma huma rilevanti;
 - X. billi għal darb'oħra ma setgħet tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni suffiċjenti bejn il-fatti l-ġodda allegati u l-proċedimenti kontra Viktor Uspaskich għal kontabilità falsifikata;
 - Y. billi għalhekk ma teżisti l-ebda evidenza konvinċenti biex jiġi ppruvat *fumus persecutionis* u billi r-reati li bihom qed jiġi akkużat Viktor Uspaskich ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-ħidma tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;
 - Z. billi d-deċiżjoni li titneħħa l-immunità skont l-Artikolu 9(7) tar-Regoli ta' Proċedura bl-ebda mod ma tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni rigward ħtija jew nuqqas ta' ħtija, peress li dan huwa s-suġġett ta' proċedimenti nazzjonali;
 - AA. billi, barra minn hekk, fil-kuntest tal-proċedimenti relatati mal-immunità mhumiex il-kompitu tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali li jeżamina s-sistemi ġudizzjarji tal-Statu Membri individwali;
1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Viktor Uspaskich;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tal-Litwanja.
-